## Punti għad-diskussjoni

- Għaliex ma tibdiex bi ftit mistoqsijiet li bihom:
  **a)** tiġbed l-attenzjoni tal-istudenti lejn aspetti interessanti tax-xbihat u l-kliem,
  **b)** inti stess tagħraf il-livell ta' perċezzjoni tal-istudenti quddiemek, ngħidu aħna:

  - Lil min qiegħed ikellem il-poeta?
  - Liema sentiment/i u kunċetti ġenerali qegħdin jiġu espressi bl-indirizz?
  - Liema xbihat figurattivi huma l-aktar frekwenti jew estiżi, u liema sentiment qegħdin jirrappreżentaw?
  - Liema huma l-kuntrasti ewlenin tal-poeżija?

- Iffoka mal-istudenti fuq xi wħud mir-reġistri l-aktar prominenti fil-poeżija, u staqsihom kemm jaħsbu li l-ħsieb mibni minn dawn ir-reġistri qiegħed jiġi varjat u estiż permezz tal-insiġ ta' reġistri differenti f'xulxin, ngħidu aħna, ir-reġistri tal-gwerra, taċ-ċelebrazzjoni (il-kartolina), u tal-ġisem uman fil-poeżija "Jum San Valentin."

- Iffoka mal-istudenti fuq xi dettalji stilistiċi u figurattivi li jsaħħu dak li diġà jkun ġie stabbilit. Asal biss sa fejn jaslu l-istudenti, iżda tajjeb li jkollok lesti ħafna possibbiltajiet ta' analiżi:
  - In-natura tal-oġġett jew bniedem li qed jiġi indirizzat, kif qed jiġi indirizzat, u x'jirrappreżenta;
  - Ir-reġistri ewlenin, bil-varjazzjoni jew l-iżvilupp sinifikanti tagħhom, speċjalment jekk dawn jikkonsolidaw ton, xbieha, suġġeriment, jew kuntest rikorrenti;
  - Lista tal-kwalitajiet, l-imġibiet, u l-burdati umani li qegħdin jingħataw lil xi entità li mhix umana, u diskussjoni dwar l-effett ta' dan it-tip ta' metafora;
  - Spjega tas-suġġerimenti li joħorġu mit-tixbih ta' oġġett ma' ieħor, kif ukoll tad-diversi forom li tista' tieħu s-similitudni (eż. similitudni idjomatika bħal "aħmar nar" li mbagħad tiġi integrata f'similitudni oħra: "bħal demmi jbaqbaq" f' "Jum San Valentin");
  - It-ton (eż. korla, ironija, ċiniżmu, stagħġib, faxxinu, eċċ.) u r-reġistri u l-punteġġjatura li jimmarkawh;
  - L-allitterazzjoni, l-onomatopea, ir-rima, u skemi oħra ta' ħoss li jsaħħu burdata jew jibnu konnessjonijiet bejn elementi differenti, ngħidu aħna, l-alliterazzjoni bil-"ħ" fid-"duħħan bħal moħħi," l-onomatopea fil-parteċipju "jbaqbaq," u r-rima parzjali bejn "balla" u "ballun" f' "Jum San Valentin"; eżempju ieħor huwa r-rima femminili li daqqiet torbot flimkien kunċetti opposti ("tfulija" u "xjuħija"; "dnewwa" u "ħlewwa") u daqqiet oħra tikkonsolida l-istess sens ġenerali ("ħanina" u "bnina"; "s-snin bil-mija" u "l-għelma tax-xjuħija") f'"Żagħżugħ ta' Dejjem."

- Il-kuntrasti fil-ħsieb, fis-sentimenti, fix-xbihat, eċċ. li joħolqu progress fit-tema permezz tal-antiteżi, ngħidu aħna, id-"dliel" u t-"tiflil" li jgħidu stejjer differenti tal-istess balluta f'"Żagħżugħ ta' Dejjem";
- Il-paralleliżmu bejn versi jew frażijiet differenti u l-effetti tiegħu fuq is-sens poetiku;
- L-istruttura tradizzjonali jew oriġinali tal-poeżija, ngħidu aħna, it-tulijiet differenti tal-versi f'korrelazzjoni mal-moviment tal-baħar "jofrogħ u jimla" f'"Żagħżugħ ta' Dejjem".

❖ Iddiskuti mal-istudenti xi ideat u sentimenti li tathom jew ispirat fihom il-poeżija. Iżda huwa importanti li minn qabel tqis dawn il-punti:

- Tridx tasal għal interpretazzjoni waħda, jew intix lest/a tittratta t-tema bħallikieku kienet għarfien progressiv ta' suġġett miftuħ;
- Kif se tevalwa l-ħila tal-istudenti fil-metodu tal-assessjar tiegħek (se tippremja biss ir-riproduzzjoni tal-ideat li tajthom inti, jew se tagħti valur lill-assoċjazzjonijiet u s-suġġerimenti kreattivi tagħhom, kemm-il darba dawn jitqiesu rilevanti għall-iżvilupp tematiku?);
- Kif se tkejjel ir-rilevanza ta' assoċjazzjonijiet li joħorġu bihom l-istudenti fix-xogħol tagħhom jew anki fl-eżami.

❖ X'inti tistenna mill-istudenti: li jitgħallmu l-ħsieb u l-istil ta' ħaddieħor biss, jew li jieħdu sehem fil-ġest artistiku tiegħu, jadottawh, u jestenduh fit-taħdit u anki fil-kitba tagħhom?